# Għajnsielem fl-imgħoddi u llum




Taħthom kien jgħaddi l-ilma tal-wied. It-tfal kienu jinġabru jilgħabu taħt dawn is-siġar. Dawk li kienu l-aktar avventurużi kienu jixxabtu sa fuq nett, filwaqt li dawk li kienu jibqgħu taħt, kienu jgħajjtu "ixħetli tuta". Fuq naħa minnhom kien hemm bħal ħawt jew banju kbir tond tal-ġebel. Minn barra kien imħaffer iżda minn ġewwa kien lixx u jiżloq. Aktarx dan kien jintuża jew biex in-nisa jaħslu l-ħwejjeġ ġo fih jew biex jisqu l-animali. Min jaf, forsi Anġlu Grech kien jiġi jisqi l-animali minn ġo fih. Ftit 'il bogħod minn dan il-ħawt, kien hemm għajn ta' l-ilma ġieri. L-ilma kien jinqasam f'żewg naħat, naħa għal ġo ħawt tal-blat u l-oħra għal ġo kanal li jagħti għal ġo l-Għajn tal-Ħasselin. Din l-Għajn kienet

Li kieku kellhom jerġgħu jiġu dawk l-Għajnselmiżi li fl-imgħoddi kienu jgħixu f'dan ir-raħal sabiħ tagħna u jerġgħu jserrpu mat-toroq tagħna, żgur li kienu jħossuhom qishom qegħdin f'post ġdid. Dan għaliex, bħalma jiġri kullimkien matul iż-żmien kollox jinbidel u hekk ġara wkoll f'Għajnsielem. Infetħu toroq ġodda, twaqqgħu djar qodma u tela' ħafna bini ġdid. Ir-raħal tagħna huwa sabiħ kif inhu llum imma b'daqshekk ma nistgħux ngħidu li fl-imgħoddi ma kellux is-seher tiegħu ukoll.

Nistgħu ngħidu li fost l-akbar bidliet li saru matul iż-żmien kienu propju fil-qalba tar-raħal fejn nibtu l-ergħuq ta' l-istorja ta' Għajnsielem. Dan il-post huwa wied ir-Rajjes li jgħaddi minn nofs ir-raħal tagħna. Illum fuq dan il-wied hemm triq kbira u wiesa b'bini ġdid fuq iż-żewg naħat. Hemm ukoll il-Pjazza tad-Dehra, pjazza mill-isbaħ, b'monument u Fontana li jiġbdu l-attenzjoni tat-turisti li jgħaddu minn hemm. Hemm ukoll 'playing-field', fejn ħafna tfal isibu il-gost tagħhom. Iżda daqs ħamsin sena ilu, dan il-post kien totalment differenti. Flok dik it-triq wiesgħa li hemm illum, kien hemm wied b'siġar kbar taċ-ċawsli u tat-tut, imħawlin ringiela waħda ħdejn l-oħra fuq iż-żewg naħat. Dawn is-siġar kellhom kull zokk oħxon li ma kontx tħaddnu b'dirgħajk it-tnejn. Il-friegħi tagħhom kienu kbar ħafna u kienu jagħqdu ġo xulxin minn naħa għall-oħra.





Għawdex tal-bidu tas-seklu XX kien fi stat ta' faqar aktar minn Malta. Din hi dehra qadima ta' Għajn tal-Ħasselin f'Għajnsielem b'irġiel, nisa, u tfal miġburin qrib tagħha.

magħmula minn loġoġ li minnhom 'il ġewwa kien hemm kamra bil-ħawt b'ilma ġej il-ħin kollu minn ġol-kanal tal-għajn. F'dan il-ħawt, in-nisa kienu jiġu jaħslu l-ħwejjeg, waqt li t-tfal kienu joqogħdu jilagħbu fuq il-bejt ta' dawn il-loġoġ. In-nisa kienu jistennew wara xulxin biex jaħslu l-ħwejjeġ. Minn jaf kemm stejjer semgħet l-għajn matul iż-żminijiet.

Skond il-leġġenda, Anġlu Grech kien jiġi jisqi l-bhejjem tiegħu minn din l-Għajn u propju hawnhekk kienet kellmitu l-Madonna u wrietu fejn xtaqet li tinbena knisja taħt it-titlu tal-Madonna ta' Loreto. Aktar l-isfel fil-wied, fejn sal-lum għadu ħiereg ilma ġieri minn ġol-blat, kien hemm arkata kbira tal-ġebel li kienet taqsam il-wied minn naħa għall-oħra. Sa ftit snin ilu din l-arkata, li kienet sabiħa ħafna, kienet għadha wieqfa. Din illum iġġarrfet u ħasra li ħadd ma ta kasha. Anke f'din in-nixxiegħa, in-nisa kienu jiġu jaħslu l-ħwejjeġ jew is-suf tan-nagħaġ.



Hekk kienet id-dehra ta' dawn l-inħawi sa madwar ħamsin sena ilu. Dnub li l-Għajn tal-Ħasselin spiċċat u tneħħiet għax din kienet parti mill-wirt kulturali u storiku ta' Għajnsielem.

*Dessie Falzon*